DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................... ĦINIJIET ................. POST: ................................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ......................................         DATA/DATI ........................................

DIRETTUR/REĠISTA: .................................

*Notamenti*

## ĊAMA ĊAMA

*(M/m)*

### NINU

**ĊAMA ĊAMA L-IĦIRSA TIEGĦI!**

Imma forsi mhux jiskopri li ried Lucio, imma li jerġa' jqajjem dak li ġara – jiskonġra – jiskonġra dak l-ispirtu. Fil-fatt, tħossuhom intom le, l-ispirti, l-ispirti li hawn iħufu hawn? Hawn – hawn għadhom. Ħassejtuhom? Agħlqu għajnejkom... tħossuhom?...

Mhux l-ispirti li noħolqu aħna, bħal f'logħba tat-tfal, mhux il-ħaġa moħġaġa li nilagħbu flimkien biex nippruvaw nirxuxtaw tfulija minsija, biex inkebbsu xi ġamra minn taħt l-irmied fil-qalb xierfa, imma biex nirxuxtaw l-ispirti ġodda, biex jidfnu l-iħirsa għajjiena, magħkusa, li ġarrejna magħna... jew li ħallejna mxekkla hawn, fuq din il-blata snin twal twal ilu, ċorma tfal bla ħażen u bla dehen.

Jien ukoll, kieku kont Lucio, kont nibqa' hemm, nissamma', innemmes bejn l-ilwien jirriflettu baħar tal-fidda fil-għar, u jlebilbu mal-ġmamar tan-nar imkebbes. U mbagħad nitla' waħdi hemm fuq, fuq xifer l-irdum u bejn idejja niftaħ ħofra fl-univers *(jgħolli jdejh hekk li bil-mod il-mod jgħaqqad ponn ma' ieħor waqt li jifforma b'dirgħajh miftuħa għamla ta' ħofra)*. Ejjew, tuni jdejkom, inwessgħu t-tiċrita flimkien.

*MARIA: leqaf, Nin...*

Eric, ejja... Maria... Ma jimpurtax, waħdi mela... Ċama, ċama l-*baby* tiegħi! Fejn intom iħirsa - fejn intom l-għassiesa?... Uru wiċċkom. Ċama, ċama l-iħirsa tiegħi! Ċama ċama erwieħ il-midgħi! *(<188)*

Xogħol għadu qed jitlesta.

QR? PDF

| | | |
|---|---|---|
| **ĦIN** | MASSIMU ........... | MINIMU ............. |
| **PROPS** | .................................................................. | |
| **VIS Á VIS** | LE ☐ IVA ☐ = ................................ | |
| **SILTA** | DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN. | |